MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru 349/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Luke Bonello**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Abdesalam Briga Rawad**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Abdesalam Briga Rawad, iben Abdelsalam u Somia Elfitori nee Zomit mwieled Tripoli

nhar l-1 t'April 1985 u residenti fil-fond 6 Sqaq San Pietru, Hal Qormi u detentur tan-Numru tar-Refugjati 14005/2012.

Akkuzat talli nhar l-4 t'April 2014 bejn is-2:30 ta' filghodu u t-3:00 ta' filghodu gewwa San Giljan u f' dawn il-Gzejjer:-

1) Kellu fil-pusses tieghu mus tal-molla li huwa projbit hekk kif imsemmi fl-iskeda I–Taqsima II tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta:

2) U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas milli jikkunsina l-mus tal-molla lil Ufficjal tal-Pulizija hekk kif gie fil-pussess tieghu;

3) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt, kif ukoll waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (mus tal-molla) jew munizjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oggetti.

4) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkagunajt lil Paul Medina u Jeffrey Borg biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew l-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra;

5) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' modi ohra lil Paul Medina u Jeffrey Borg;

6) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ;

7) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra ;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Paul Medina u Jeffrey Borg skond it-terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nakkuzah ukoll talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2013 minn gewwa 93, Flat 5, Triq il-Mensija, San Giljan;

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn go residenza, liema serq ma jeccediex l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€2032.94c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' *Katja Maria Suurkuukka,*

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2013 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-gzejjer, laqa ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex bieghhom jew mexxihom;

Akkuzat ukoll talli bejn, il-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Mejju 2013 u l-4 ta’ April 2014 bejn is-2:30 ta’ filghodu u t-3:00 ta’ filghodu gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommetta diversi reati waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr J. Apap Bologna nhar is-6 ta’ Dicembru 2012, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-28 t’April 2014 ghall-akkuzi kif migjuba fil-konfronti tieghu, u kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa recidiv u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anke jekk mhux fil-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 6, 41 u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 17, 20, 49, 50, 289, 251B, 339(1)(d), 338(dd), 338(ff), 261, 267, 268, 269, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi salv ghal imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq u li ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u tikkundannah 12 –il xahar prigunerija u multa ta’ €117 Euros. Il-Qorti inoltre tordna li l-perjodu ta’ tnax –il xahar prigunerija li

gie kkundannat l-imputat permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-6 ta’ Dicembru, 2012 u li kienu sospizi ghal sentejn jigu rezi operattivi b’ effett millum sabiex b’ hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta’ 24 xahar prigunerija.

B’ applikazzjoni tal-Art. 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’ garanzija personali ghal zmien 12 –il xahar millum taht penali ta’ €500 milli jimmolesta jew jivvessa lil Paul Medina u Jeffrey Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------